Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 11/18

**AVVIŻI**

**18 ta' Marzu 2018**

Mit-Tnejn 19 sal-Ħamis 22 ta' Marzu isiru l-eżerċizzi spiritwali għal kulħadd fuq temi mid-dramm tal-passjoni wara l-quddiesa tas-6.15pm.

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Marzu festa tad-Duluri il-quddies ikun fil-5.30am, fis-6.15am, f'nofsinhar u fis-6.15pm. Fis-7pm toħroġ purċissjoni li tgħaddi minn triq Burmarrad, triq San Pawl Milqi, triq Papa Ġwanni Pawlu II, triq Magħsar u lura lejn il-Knisja. Xieraq li fit-toroq tal-purċissjoni ssir mixgħela bid-dawl jew bix-xema'.

Nhar il-Ħadd 25 ta' Marzu, Ħadd il-Palm, fit-8.30am issir it-tifkira tad-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja. It-tfal huma mħeġġa jilbsu ta' tfal Lhud u jġibu magħhom il-karus ta' mħabba li tqassam fil-bidu tar-Randan.

Nhar il-Ħadd jibda wkoll il-ħin tas-sajf għalhekk il-quddiesa ta' filgħaxija tkun dejjem fis-7pm.

Nhar is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Marzu jkun hemm bazaar b'riżq il-festa fid-dar parrokkjali.

Matul din il-Ġimgħa kien hemm donazzjonijiet ta' €425 għax-xogħol fil-Knisja